**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 381/2021 AGV ;</u>**

Ab
U
cb
Vs
X

Il-Qorti rat ir-rikors konġiuntiv ta' **ab** iben Joseph u Agnes Nee' Spiteri mwieled il-Pieta' fl-erbgħa (4) ta' Frar elf disgħa mija u sitta u tmenin (1986) flimien ma'  cb, bint Guo Shi Xiong u Ji Zhong Ying, imwielda Dalian ic-China fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elf disgħa mija u sebgħa u tmenin (1987), fejn esoponew bir-rispett u bil-gurament taghhom kkonfermaw, datat 27 ta' Awwissu 2021:-

**ILLI** l-esponenti zzewgu nahar is-sittax (16) ta' April elfejn u għaxra (2010) ċertifkat anness;

**ILLI** l-esponenti ikkonkludew kuntratt ta’ separazzjoni personali, permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Krystle Frendo Galea datat tmienja (8) ta’ Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa, u mmarkata bhala **Dok. A,**

**ILLI** minn dana ż-żwieġ, il-kontendenti kellhom tifla, illum għandha għaxar (10) snin u l-manteniment ġia tħallas kollu bil-quddiem kif jirriżulta mill-preċitat kuntratt.

**ILLI** presenzjalment, l-esponenti ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa minn ftit qabel ma ġie ppublikat il-kuntratt msemmi, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

**ILLI** ai termini tal-kuntratt precitat (klawsola wieħed u għoxrin (21), l-esponenti irrinunzjaw mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

**ILLI** mill-fuq premess isegwi illi huma sodisfatti l-kwesiti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

**GHALDAQSTANT** l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghġobha:-

1. Tiddikjara l-hall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet nhar is-sittax (16) ta’ April elfejn u għaxra (2010), u dana billi huma sodisfatti il-kweżiti ta’ l-**Artikolu 66B(2)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta’ Malta;** u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzja ta' ħall taż-żwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini ta' l-**Artikolu 66A(4)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**